**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D, LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, it-Tlieta 3 ta' Marzu 2020**

**Rikors Guramentat numru:- 89/2017BS**

**Pauline Xerri**

**-vs-**

**Maria Mercieca u Lawrence Mizzi**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn l-attrici ppremettiet:

1. *Illi George Mizzi, bin Lawrence Mizzi u Maria nee' Grech miet ir-Rabat, Ghawdex fis-16 ta' Gunju, 1990 u dan kif jidher mill-anness certifikat tal-mewt taghha mmarkat bhala Dokument "A";*

2. *Illi Giorgia Mizzi, armla ta' George Mizzi bint il-mejtin Paul Cardona u Maria Anna nee' Vella gia bil-karta ta' l-identita' numru 63027(G) mietet fis-27 ta' Awwissu 2015, ir-Rabat Ghawdex u l-wirt taghha gie debitament ddenunzjat permezz tad-dikjarazzjoni causa mortis hawn anness u mmarkat Dokument "B";*

3. *Illi l-imsemmija George Mizzi u Giorgia Mizzi mietu testati permezz tat-testment unica charta fl-atti tan-Nutar Dr Michael Refalo tal-20 ta' Settembru 1985, permezz ta' liema huma nnominaw bhala werrieta lil uliedhom il-partijiet f'din il-kawza soggetta ghall-uzufrutt favur is-superstiti fosthom;*

4. *Illi anke l-wirt ta' George Mizzi giet debitament denunzjat kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat dokument C;*

5. *Illi l-attrici ma tridx li tibqa' fi stat ta' ndivizjoni ma' hutha u minkejja li saru diversi tentattivi sabiex il-partijiet jaqsmu l-beni tal-mejtin genituri taghhom bonarjament, kemm il-mobbli kif ukoll l-immobbli, tant li lkoll kemm huma accettaw li l-Perit Emanuel Vella jhejji pjan ta' qasma liema rapport huwa hawn anness u mmarkat bhala Dok D, li dwaru verbalment kien hemm akkordju, kuntratt ta' divizjoni baqa' ma sar qatt minhabba esigenzi jew ohra tal-konvenuti, liema esigenzi kienu bla bazi u nfondati u mmirati biex il-partijiet ma jaqsmux;*

6. *Illi sahansitra minflok ma resqu ghad-divizjoni qabdu u dahlu fir-raba msejha, "Ta' Xkora" u qed jahsdu l-wicc u dan ghad-detriment tal-esponenti.*

7. *Illi l-esponenti taf dawn il-fatti personalment;*

*Talbet li din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti gia' ezistenti bejn l-imsemmija George u Giorgia Mizzi billi jigi ddikjarat li kienet tikkonsisti f'dawk il-beni mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;*

2. *Taqsam il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata f'zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-assi partikolari tal-konjugi Mizzi;*

3. *Tillikwida l-assi partikolari ta' George Mizzi billi jigi ddikjarat li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata u f'dawk il-beni l-ohra kollha mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;*

4. *Taqsam il-beni formanti l-assi ereditarji ta' l-imsemmi George Mizzi fi tliet porzjonijiet li ghandhom jigu assenjati wahda kull wahda lit-tliet ulied b'dana illi l-qasma in kwantu dak li ghandu x'jaqsam il-proprjeta' mmobbli ghandha ssir kif ssuggerixxa l-Perit Emanuel Vella.*

5. *Kemm-il darba jirrizulta li l-beni ta' l-imsemmi George Mizzi jew uhud minnhom ma humiex divizbbli kif hawn fuq inghad  tordna l-bejgh ta' l-istess b'licitazzjoni sabiex ir-rikavat jigi ppercepit ugwalment bejn it-tliet ulied;*

6. *Tillikwida l-assi partikolari ta' l-imsemmija Georgia Mizzi billi jigi dikjarat li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata u f'dawk il-beni l-ohra kollha mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;*

7. *Taqsam il-beni formanti l-assi ereditarji ta' l-imsemmija Georgia Mizzi fi tliet porzjonijiet li jigu assenjati wahda kull wiehed lit-tliet ulied ta' l-istess Georgia Mizzi b'dana illi l-qasma f'dak li ghandu x'jaqsam il-proprjeta' mmobbli ghandha ssir kemm jista' jkun fuq dak li ssugerixxa l-Perit Emanuel Vella;*

8. *Kemm-il darba jirrizulta li l-beni ta' l-imsemmija Georgia Mizzi jew uhud minnhom ma humiex divizibbli tordna l-bejgh ta' l-istess b'licitazzjoni sabiex ir-rikavat jigi ppercepit ugwalment bejn it-tliet ulied;*

9. *Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta' divizjoni u assenjazzjoni ta' l-ishma rispettivi f'dik id-data, hin u lok li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti, bl-intervent ta' kuraturi li jinhatru sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci;*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qeghdin jigu ngunti.*

Rat ir-risposta guramentata ta' Lawrence Xerri fejn espona u kkonferma bil-gurament:

1. *Illi l-esponenti qatt m'oppona u ma jopponix ruhu ghad-divizjoni mitluba;*

2. *Illi din il-kawza saret kappricjosament billi r-rikorrenti kienet giet imwissija li m'hemmx lok ta' kawza, li l-flus li l-genituri taghhom kellhom fin-National Savings Bank kien gie approvat l-izbank taghhom kif ukoll il-flus li ommu Giorgia Mizzi kellha fil-Bank of Valletta plc. Kien hu minn fost il-partijiet li permezz tal-avukat sottoskritt ha hsieb u segwa l-proceduri kollha li kien hemm bzonn biex isir l-izbank fl-interess tieghu, tal-attrici u tal-konvenuta l-ohra. Kien hu ukoll li gera wara l-Perit Emanuel Vella biex ihejji stima u pjanti tal-beni in divizjoni u kien sar qbil kif il-bini u r-raba ta' bejniethom kien ser jigi diviz. Kien fadal biss li l-partijiet jersqu quddiem Nutar ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Kienet l-attrici li b'ghemilha ma kkoperatx u ghazlet il-process gudizzjarju biex tirrendi kumplikat dak li l-partijiet kienu miftehmin dwar kif ser jaqsmu u li jingabru l-flus tal-banek fuq imsemmija u jinqasmu ugwalment bejniethom. Dan kollu ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza. Ghaldaqstant fic-cirkostanzi l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu akkollati lill-attrici.*

*Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

*Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta Maria Mercieca fejn eccepiet u kkonfermat:*

1. *Illi l-eccipjenti ma topponix u qatt ma opponiet ghad-divizjoni illi qed tintalab da parti tal-attrici; u dejjem ikkoperat sabiex tkun tista' ssehh l-istess;*

2. *Illi ghandu jinghad ukoll illi l-partijiet kienu vicin ferm illi jikkonkludu dil-qasma bonarjament bejniethom, tant illi kienu diga' qablu fuq kif kellha tinqasam il-proprjeta' fabbrikabbli bejniethom u kienu diga' qed isiru arrangamenti biex ikunu jistghu jigu zbankati u jinqasmu flejjes li jinsabu f'banek lokali u esteri; fost affarijiet ohra. Fil-verita' dil-procedura hija biss rizultat ta' pika da parti tal-attrici u ma kien hemm l-ebda lok jew htiega ghall-istess; u dan kollu kif ser jirrizulta ahjar fil-mori ta' din il-procedura. Konsegwentement ukoll l-ispejjez kollha marbuta ma' din il-procedura ghandhom ikunu a karigu tal-attrici u taghha biss.*

3. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi;*

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Jannar, 2018 il-partijiet talbu differiment sabiex jippruvaw jittransigu l-kawza.

Rat in-numru ta' rikors u risposti, botta u risposta illi ntavlow il-partijiet tul il-process tal-kawza.

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Gunju, 2019 il-partijiet iddikjaraw il-provi maghluqa. Il-Qorti akkordat lill-attrici xahrejn zmien sabiex tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet taghha bil-visto tal-kontroparti li jkollhom xahrejn huma sabiex jintavolaw risposta. Il-kawza giet differita ghas-sottomissjonijiet orali finali ghas-seduta tat-13 ta' Novembru, 2019.

Rat illi sas-seduta tat-13 ta' Novembru,2019 ebda nota ma kienet ghadha giet ipprezentata. Il-Qorti akkordat lill-attrici xahar zmien, ghall-ahhar darba sabiex tipprezenta n-nota bil-visto tal-kontro parti li kellhom xahar zmien minn notifika sabiex jipprezentaw in-nota responsiva taghhom. Il-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tat-3 ta' Marzu, 2020.

Rat illi l-attrici pprezentat in-nota fis-17 ta' Dicembru, 2019. Ghalkemm debitament notifikata l-konvenuta Maria Mercieca ma pprezentat l-ebda nota fil-waqt illi l-konvenut Lawrence Mizzi ipprezenta n-nota tieghu fid-19 ta' Frar, 2020, xahar wara illi skada t-terminu. Kien ghalhekk illi l-Qorti permezz ta' digriet ta' l-20 ta' Frar 2020, ordnat l-isfilz ta' l-istess nota.

**FATTI.**

**XHIEDA.**

l-attrici **Pauline Xerri** tghid illi meta miet missierha d-dar kien hemm cirka Lm16,000. Tghid illi l-genituri taghha ma kienux haljin u ma kienux jonfqu ghax kienu jahdmu r-raba u jieklu minn hemm. Issemmi l-flus illi kien wiret missierha minghand huh Frenc liema flus tpoggew f'kont l-Ingliterra u ma ntmessux. Tghid illi ommha kienet toqghod ma' ohtha, izda hi kienet

tikkontribwixxi l-ghajununa taghha. Tikkonferma illi ommhom kienet iffirmat prokura favur taghha u ta' ohtha. Fl-affidavit taghha ssemmi d-deheb illi skont hi kellha ommha. Tafferma illi d-deheb kollu qieghed ghand ohtha nkluz anke xi deheb illi jappartjeni lilha. Pauline Xerri tati rendikont ta' kif waslu ghall-qasma u d-dizgwid rigward il-flus li hemm il-bank. In kontro ezami l-attrici tinsisti illi d-dar tal-genituri taghha kien hemm Lm16,000. Tghid ukoll illi spiss kienet tavvicina lil ohtha, u dan meta kienet ghadha hajja ommha, u titlobha biex jaqsmu d-deheb, izda ohtha ma riditx u kienet tghidilha illi jaqsmu meta tmut ommhom mhux qabel. Mistoqsija illi meta sar ir-rikors ghall-interdizzjoni fil-lista ta' oggetti ta' Giorgia Mizzi, l-attrici lanqas kienet indikat la d-deheb u lanqas is-Lm16,000, hija tghid illi thawwdet. Tafferma wkoll illi mal-bieb tad-dar ta' ommha ghamlet katnazz biex hadd ma jidhol u lanqas ghaddiet cavetta lil hutha. Meta mistoqsija dwar l-appuntamenti l-Bank u ghand in-nutar l-attrici tghid li ma tafx.

In kontro ezami tghid illi l-problema li hemm bejnha u bejn hutha hija rigward il-flus illi hemm il-Bank of Valletta. Hija tafferma illi ma taqbilx ma' l-ammont li hemm u tippretendi illi huwa aktar. Tiddikjara illi c-cekk tal-pensjoni kienet tmur issarrfu hi qabel izda imbaghad ghaddiet kollox lil ohtha ghax ma bdietx tlahhaq. Il-flus kienet tghaddihom lil ohtha wkoll. **Tafferma wkoll illi l-unika lment illi fadlilha fil-konfront ta' hutha huwa x'sar mid-deheb u mill-flus li kien hemm id-dar**.[1]

**Alvin Scicluna** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta xehed illi Giorgia Mizzi kellha kont wiehed. Huwa pprezenta rendikonti annwali fuq il-kont intestat lid-defunta Giorgia Mizzi. Dan ix-xhud iddikjara illi Giorgia Mizzi kellha kont wiehed biss. Jirrizulta illi l-kont infetah fis-sena 1992 meta gie ddepozitat l-ammont ta' Lm995.715 u kull sena kien jingibed l-imghax moghti mill-Bank li kien jammonta ghal Lm 49.786.

**Shaun Meli** in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali xehed illi Giorgia Mizzi kienet qed tghix fis-sala tal-Gerjatrija fl-Isptar u ghalhekk il-pensjoni illi kienet tipprecepixxi kienet ta' 8.99% ghax ir-rimanenti 91.01% kienu jghaddu ghand il-Gvern. Jghid illi hija bdiet tghix l-Isptar fis-

---

[1] A fol 386 tal-process#

7 ta' Novembru, 2009 sa ma mietet fl-2015. Jghid ukoll illi 8.99% isarrfu €10.95 fil-gimgha. L-ammonti ndikati fir-rendikonti pprezentati minnu ghalhekk juru l-gross annwali ta' pensjoni ta' Giorgia Mizzi. L-ammonti ghalhekk jinkludu l-persentagg illi kien jiehu l-Gvern billi l-imsemmija Giorgia Mizzi kienet residenti fis-sala tal-Gerjatrija u ghalhekk il-bzonnijiet taghha kien jipprovidhomlha l-Gvern.

**Maria Mercieca** l-intimata, xehdet ommha kienet ilha tghix maghha ghal madwar ghoxrin sena. Fl-affidavit taghha tikkonferma illi ommha ma kellhiex hafna deheb. Din ix-xhud tghid illi ommha kellha curkett taz-zwieg, gizirana li qasmitha fi tnejn biex kull bint hadet bicca, zewg pari msielet illi tathomlha d-defunta. Tghid li kellha cappetta u arlogg ma jahdimx. Tafferma illi ommha kienet tatha d-deheb li semmiet bhala ringrazzjament ghax kienet qed tiehu hsiebha. Dan jikkontrasta max-xhieda viva voce in subizzjoni[2] illi hija deheb minn ta' ommha ma ghandha xejn. Affermat illi hija u ohtha l-attrici kellhom prokura sabiex jamministraw il-pensjoni ta' ommhom. Qalet illi l-flus kienet tigborhom hi ghax hi kienet tiehu hsieb ommha. Kompliet tghid illi kienet issajrilha hi lil ommha u anke tixtrilha l-pinnoli. Qalet illi kienet tonfqilha €99.00 fil-gimgha pinnoli taz-zokkor u aktar tard €135 fix-xahar. Tghid illi meta ommha tatha d-deheb hija kienet qed tbati mid-dementia. Maria Mercieca xehdet illi meta zzewget marret tghix hdejn ommha u nifdu d-djar biex wahda kienet tikkommunika ma' l-ohra.

In kontro ezami l-intimata tghid illi c-cekk tal-pensjoni kienet issarrfu hi u l-flus kienet izzommhom hi. Ommha ma kienet titlobha xejn ghax kienet tipprovdilha kollox hi. Lil ommha kienet tiehu hsiebha hi u l-bzonnijiet kollha taghha. Kienet silfet Lm3000 lil ohtha l-attrici, liema somma kienet flus minn taghha u mhux minn ta' ommha. Tghid illi l-attrici kienet gejja u sejra biex tissellef il-flus. Il-Funeral halsitu mic-cekk tal-pensjoni. Qatt ma ddepozitat il-pensjoni ta' ommha l-bank u l-flus zammithom id-dar. Qatt ma tefghet flus ta' ommha fuq il-kont personali taghha. Tafferma illi l-flus ma uzathomx ghall-bzonnijiet tal-familja taghha. Taqbel illi rendikont lil hutha dwar x'sar mill-flus tal-pensjoni u d-deheb qatt ma tatulhom. Mistoqsija mill-Qorti tikkonferma jekk il-flus tal-pensjoni ta' l-omm kientx

[2] Seduta 19 ta' April, 2018, a fol 120 tal-process

thallathom mad-dhul tal-familja taghha, hija tikkonferma. Tikkonferma wkoll illi l-bilanc illi kien jibqalha kienet izzommu hi.

Maria Mercieca tkompli tghid illi d-denunzja ta' missierha thallset mill-flus li kien hemm il-bank. Il-funeral wkoll. Wara hafna mistoqsijiet tikkonferma illi ommha kellha pensjoni ta' €450 fix-xahar. Tistqarr illi l-flus zammithom hi bhala hlas ghax kienet qed izzomm lil ommha.

**Dr. Michael Refalo** xehed dwar l-istat tad-defunta Giorgia Mizzi. Huwa ddikjara illi s-Sinjura Mizzi kienet qed tbati minn *dimentia* severa hafna. Iddahhlet l-ewwel darba l-Isptar 2007. Imbaghad dahlet drabi ohra u sahhitha kienet sejra lura. Xehed ukoll illi skont ir-rekords jirrizulta illi l-*carer* taghha kienet Mary Mercieca.

**Perit Emanuel Vella** xehed illi huwa kellu laqghat mat-tlett ahwa u meta ghamel u lesta r-rapport kienu donnhom qablu mal-qasma kif minnu proposta. In kontro ezami l-Perit Vella ikkonferma illi t-tliet cippijiet illi qasam huwa ghandhom valur ugwali. Kompla jghid illi:

*"..huma ssuggerewli kif jixtiequ li jaghmluhom il-lottijiet u kien hemm qbil dwarhom."*

Ikkonferma illi l-qbil kien bejn il-partijiet kollha. Il-partijiet kienu ftehmu illi Lot A tmur dritt ghand l-intimat Lawrence Mizzi, filwaqt illi Lot B u C jittellghu bix-xorti quddiemu u jmorru ghand l-attrici u l-intimata l-ohra. In kontro ezami[3] dan ix-xhud ikkonferma illi Lawrence Mizzi kien interessat biss fil-bicca art li kienet tmiss mad-dar tieghu u rigward il-postijiet l-ohra ma kellux problema illi johduhom hutu l-bniet.

**Jimmy Xerri** permezz ta' affidavit jiddikjara illi martu li tigi l-attrici fil-kawza kienet tiehu hsieb ommha. Kienet anke ssajrilha. Itenni illi d-dar ta' omm il-mara kien hemm flus kif ukoll illi Giorgia Mizzi kellha deheb. Isostni illi martu trid sehmha u xejn aktar. Sahaq illi kien hemm Lm16,000

[3] A fol 260 tal-process

id-dar tad-defunta Giorgia Mizzi. Jafferma illi rigward id-deheb strah fuq li qalet il-mara tieghu, l-attrici.

Fl-affidavit tieghu[4] **Lawrence Mizzi** filwaqt illi esebixxa kopja tat-testment tal-genituri[5] afferma illi ommu li tigi omm il-kontendenti l-ohra fil-kawza kienet tbati mid-*dementia* u kienet giet interdetta fuq talba tieghu. Qal li kien jissuspetta illi hutu l-bniet kienu qed jiehdu vantagg minn ommu u kienu qed johduha l-flus. Kull meta talabhom rendikont jew sodisfazzjoni qatt ma tawh. Lanqas qalulu x'kellha deheb ommu. Qal illi l-ahwa qablu illi jitqabbad il-Perit Vella sabiex jaghmel pjan ta' qasma u kienu anke ftehmu illi lilu tmissu l-bicca art li tigi ma' genb id-dar tieghu. Kienu qablu illi l-proprjeta' tinqasam f'tliet cippijiet u li jkunu ta' valur bejn wiehed u iehor indaqs. Afferma illi kienu kuntenti bil-qasma kif proposta mill-perit u filwaqt illi huwa ghazel Lot A, Pauline Xerri ghazlet Lot B u Maria Mercieca ghazlet Lot C. Izda ghalkemm kien hemm ftehim dwar ic-cippijiet, il-bniet xorta ma resqux ghall-ftehim ghax kien inqala' xi dizgwid bejniethom.

Rigward il-flus li kellha Giorgia Mizzi l-Bank, l-intimat jiddikjara illi meta kien hemm qbil fuq il-qasma huwa kien inkariga lil Dr. Mario Scerri sabiex jiehu hsieb li jigbor il-flus li kien hemm il-Bank of Valletta u l-flus li kellu missieru fin-*National Savings Bank* fir-Renju Unit. Jghid illi ghalkemm il-Bank of Valletta kien lest illi jghaddi l-flus lill-ahwa, l-attrici qatt ma marret ghall-appuntament il-Bank. Dan il-process inbeda hafna qabel ma' l-attrici fethet il-kawza.

Rigward il-flus fin-*National Savings Bank* tar-Renju Unit l-intimat jghid illi l-process ghall-izbankar kien twil izda fl-ahhar l-Avukat Mario Scerri iffinalizza kollox u kien baghtilhom cekk kull wiehed ta' sehemhom.

Lawrence Mizzi jkompli jghid illi l-genituri tieghu ma kellhom xejn aktar apparti l-proprjeta', il-flus il-bank, il-flus id-dar u d-deheb. L-ammont ta' flus li kien hemm id-dar ma jafx kemm kien izda l-flus kienu jinzammu f'kaxxetta.

---

[4] A fol162 tal-process

[5] A fol 166 tal-process

**Maria Assunta Azzopardi** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta xehdet[6] illi l-process ghall-izbank tal-flus kien ilu lest sa mill-2017, ezattament 19 ta' April, 2017. L-applikazzjoni saret fl-14 ta' Frar, 2017. L-ammont li kien fih il-kont kien ta' €2566.64. Tafferma illi kont wiehed biss kien hemm intestat lil Giorgia Mizzi. Tghid ukoll illi hemm kont iehor illi huwa ffrizat, intestata lid-defunt George Mizzi fl-ammont ta' €2319.40. Tkompli tghid illi Pauline Xerri ma attendietx ghall-appuntamenti li kienu qed jigu ffissati mill-Bank u ghalhekk l-ammont ma setax jigi zbankat. Mistoqsija dwar il-flus illi kien hemm fir-Renju Unit, din ix-xhud tghid illi dawn gew likwidati u nqasmu bejn it-tlett ahwa. Tikkonfema wkoll illi nhargu tliet cekkijiet u kull wiehed mill-ahwa sarraf ic-cekk tieghu.

**Dr. Mario Scerri** ipprezenta affidavit[7] wara illi gie lliberat mis-sigriet professjonali minn Lawrence Mizzi. Dr. Scerri jikkonferma x-xhieda ta' Lawrence Mizzi dwar l-interdizzjoni ta' Giorgia Mizzi. Infatti l-interdizzjoni saret premezz ta' digriet 32/2011/JD. Il-Kuratur innominat mill-Qorti kien Dr.Kevin Mompalao li kellu jiskrivi ipoteka legali ghas-somma ta' €2000[8]. Flimkien ma' l-affidavit Dr. Scerri ipprezenta kopja tal-korripondenza kollha illi ghaddiet sabiex il-flus illi kien hemm fin-*National Savings Bank* jigu zbankati. Huwa esebixxa wkoll kopji tal-*bankers draft* mahruga favur kull parti f'din il-kawza.

**IKKUNSIDRAT.**

L-ewwelnett hu principju stabbilit fil-gurisprudenza nostrana illi,

*"….biex il-likwidazzjoni ta' wirt tista' tintalab bhala preordinata ghad-divizjoni, jehtieg li l-attur ikun werriet, jew ghall-anqas legittimarju; u li ghalhekk, min ikun ghadu ma ddeliberax li jaccetta l-eredita', jew li ma jaccettahiex u minflok jiehu l-legittima, ma jistax jippromwovi kawza ghal-likwidazzjoni tal-wirt. Ghax hu ma jkunx jista' jigi kunsidrat la bhala werriet u lanqas bhala legittimarju."*[9]

---

[6] A fol 180 tal-process
[7] A fol 203 tal-process
[8] A fol 206 tal-process
[9] Mary Ellul –vs- Joseph Coleiro et, 6 ta' April 1959, App. Civ.

Mir-ricerki testamentarji esebiti fl-atti[10] jirrizulta illi George Mizzi u martu Giorgia ghamlu testment wiehed unica charta fl-20 ta' Settembru, 1985. Permezz ta' dan it-testament huma nnominaw werrieta lit-tliet uliedhom li huma l-attrici u l-intimati f'din il-kawza, u ghalhekk l-attrici setghet tiftah il-kawza odjerna u titlob il-likwidazzjoni u l-qasma tal-wirt.

L-attrici ntavolat din il-kawza u fi kliem semplici qed titlob lill-Qorti sabiex:

a) Tillikwida l-komunijoni ta' l-akkwisti li kien hemm bejn George u Georgia Mizzi;
b) Il-beni rizultanti jinqasmu bejn it-tliet kontendenti fil-kawza;
c) L-immobbli li ma jistghux jigu divizi ghandhom jinbieghu b'licitazzjoni,
d) Il-qasma ghandha kemm jista' jkun tkun skont il-pjan tal-qasma tal-Perit Emanuel Vella;
e) Tahtar nutar sabiex jippubblika l-att ta' divizjoni.

Jirrizulta illi George Mizzi miet fis-16 ta' Gunju, 1990[11]. Jirizulta wkoll illi d-denunzja tal-proprjeta' taxxabbli fil-konfront tad-defunt George Mizzi saret fil-15 ta' Ottubru, 1990[12]. Ma din id-denunzja hemm elenku tal-assi fil-wirt ta' George Mizzi. Din id-denunzja jirrizulta illi saret minn Georgia Mizzi u il-valur illi nghata ghall-assi elenkati kien ta' Lm14,756.50.

Fis-16 ta' Novembru, 2015, l-attrici Pauline Xerri flimkien ma' huha Lawrence Mizzi, intimat f'din il-kawza ghamlu d-dikjarazzjoni *causa mortis* ta' ommhom Giorgia Mizzi li mietet fis-27 ta' Awissu, 2015[13].

Jirrizulta wkoll illi l-ahwa Mizzi, cioe' Pauline Xerri, l-attrici f'din il-kawza, flimkien ma' hutha nkarigaw lill-Perit Emanuel Vella sabiex jipprepara pjan ta' qasma tal-wirt li gej minn missierhom George Mizzi u wirt li gej

[10] A fol 169 tal-process
[11] Certifikat tal-mewt - a fol 6 tal-Process.
[12] A fol 7 tal-process.
[13] A fol 10 tal-process.

minghand iz-zija Tereza Mizzi. Dan l-inkarigu fil-fatt gie espletat u l-perit ghamel rapport datat fit-18 ta' Mejju, 2016[14]. F'dan ir-rapport il-Perit Vella ghamel lista tal-beni rurali u beni urbani u qasamhom fi tliet cippijiet – LOT A imiss lil Lawrence, intimat fil-kawza, LOT B imiss lil Pauline l-attrici, u LOT C imiss lil Maria intimata fil-kawza wkoll.

Fl-14 ta' Novembru l-attrici fethet il-kawza kontra hutha. Lawrence Xerri u Maria Mercieca laqghu ghall-allegazzjonijiet vantati mill-attrici billi ecepixxew illi l-kawza saret kapriccozament billi wara illi kienu saru l-proceduri ghall-izbank tal-flus li l-genituri kellhom il-bank u wara illi sar il-pjan tal-qasma, kienet l-attrici illi naqset illi tidher ghall-kuntratt ta' divizjoni. Jghidu illi din il-kawza hija rizultat ta' pika da parti ta' l-attrici.

Mill-eccezzjonijiet a fol 24 u 26 jirrizulta nfatti illi l-konvenuti qed jaqblu mad-divizjoni. L-attrici fir-rikors guramentat qed tghid illi kemm jista' jkun il-qasma ghandha tkun skont kif irrakkomanda l-perit fir-rapport tieghu.

Il-Qorti ghalhekk waslet ghall-konkluzzjoni illi meta taghsar kollox, id-dizgwid bejn il-partijiet huwa fuq il-flus illi allegatament kienu jinsabu d-dar meta mietet Giorgia Mizzi u d-deheb tad-defunta in kwantu l-attrici tallega illi ohtha Maria Mercieca hatfet kollox taht idejha b'detriment ghaliha. Gia la darba hija l-attrici illi qed tallega dan kollu sta ghaliha illi ggib il-provi in sostenn ta' l-allegazzjoni minnha vantata. Huwa minnu illi l-gudikant ghandu liberta' dwar kif ghandu jaghmel l-apprezzament tal-provi izda l-oneru ewlieni jibqa' tal-attur. Il-fatt biss illi kif tghid hi fir-rikors ipprezentat fid-9 ta' Frar, 2018[15] li -

*"….ma nistax taccetta li kulma kellha l-omm kien ammont minimu ta' madwar €5000 il-bank tal-BOV…"*

tali affermazzjoni wahedha, skarsa minn kull prova ohra ma tikkostitwixxix prova sufficjenti izda tammonta biss ghall-aspettativa personali. Ghalkemm sahqet illi d-dar ta' ommhom kien hemm Lm16,000

[14] A fol. 11 sa 18 tal-process
[15] A fol. 42 tal-process

ebda prova konkreta ma ngabet. Barra minn hekk kull parti f'din il-kawza pittret stampa differenti tal-fatti. Irid jinghad illi:

*"Huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghall-principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili. Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli*[16]"

F'decizjoni ohra ntqal illi:

*"Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo. Fil-fatt huwa wkoll principju assodat fil-gurisprudenza taghna illi l-verosimiljanza hija forma ta' korroborazzjoni*[17]"

Kif ukoll :

---

[16] Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzi et, Prim Awla deciza 28/4/2004.
[17] George Bugeja ve Joseph Meilak, Prim Awla deciza 30/10/2003.

*"Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu f'kawza civili d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu imsejjah biex jiggudika. Huwa ben maghruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew ikollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo. Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali.*[18]"

**Rigward id-deheb**, kull parti fil-kawza esponiet il-verzjoni taghha f'xhiex kien jikkonsisti dan id-deheb ma ngabet ebda prova rigward il-valur tieghu. Fil-kors tax-xhieda ssemma' arlogg, imsielet u cappetta. Ghalhekk safejn jikkoncerna d-deheb il-Qorti tqis li filwaqt li ma hemmx kontestazzjoni dwar l-ezistenza tad-deheb madankollu ma ngabet ebda prova dwar l-ammont jew valur ta' dan id-deheb u ghalhekk id-deheb kollu illi kien jappartjeni lid-defunta fid-data tal-mewt taghha ghandu jigi rkantat u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn it-tliet kontendenti f'din il-kawza.

**Rigward il-flus** il-Qorti tinnota illi l-partijiet isemmu erba' cippi ta' flus:

a) dawk illi kienu jappartjenu lil missierhom George Mizzi u kienu mizmumin fl-esteru u rigward dawn il-partijiet jaqblu illi l-flus ingibdu u c-cekkijiet rispettivi ta' sehemhom issarrfu[19] u ghalhekkk ma hemmx l-ebda pretensjoni fuqhom;

[18] Emanuel Ciantar vs David Curmi noe, Qorti ta' l-Appelli sede Inferjuri, deciza 28/4/2003
[19] A fol 191 sa 193 tal-process

b) flus illi jinsabu l-Bank of Valletta li kienu jappartjenu kemm lid-defunt George Mizzi u kemm lid-defunta Giorgia Mizzi u li dwar dawn saru laqghat il-Bank izda sal-lum ghandhom ma ngibdux;
c) flus illi allegatament kienu d-dar mizmumin go kaxxetta u li rigward dawn hemm verzjonijiet differenti izda ebda prova ma tressqet;
d) il-pensjoni ta' Georgia Mizzi.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk il-Qorti ser tanalizza l-provi rigward (b)(c) u (d). Minn analizi tax-xhieda jirrizulta illi omm il-kontendenti bdiet tghix mal-konvenuta Maria Mercieca meta miet ir-ragel George u cioe' fl-1990. Damet tghix maghha sakemm kellha tigi rikoverta fl-isptar Sala Sant'Anna minhabba illi kienet qed tbati mid-*dementia.* Dan kien mid-9 ta' Novembru, 2009 sa ma mietet fl- 2015. Dan ifisser illi Maria Mercieca zammet lil ommha maghha ghal dsatax–il sena. L-attrici tghid illi hija xorta wahda kienet tmur taraha kif ukoll kienet tippreparalha x'tiekol u dan minhabba illi ohtha Maria gieli kienet tipprepara ikel illi l-omm ma kinitx tiggosta. Il-konvenut Lawrence Mizzi jghid illi huwa ma kienx jithalla jmur jara l-ommu u hutu l-bniet kienu jimpeduh milli jaraha. Huwa pertinenti li jigi nnutat illi l-konvenuta Maria Mercieca fix-xhieda taghha tafferma illi hija kienet tipprovdi ghall-bzonnijiet kollha illi kellha ommha, inkluzi dawk medici. L-attrici minn naha taghha xehdet illi hija kienet tmur iggib il-medicini ta' ommha, liema medicini kienu jkunu preskritti fuq il-kartuna r-roza u li ghalhekk kienu medicini illi ggibhom b'xejn ghax ipprovduti mill-Istat. Matul il-process tal-kawza l-Qorti setghet tinnota illi l-verzjonijiet moghtija mill-attrici u ohtha Maria kienu kontradittorji ghall-ahhar.

Il-fatti illi ma humiex kontestati huma s-segwenti :
a) Giorgia bdiet tghix mal-konvenuta Maria Mercieca wara l-mewt ta' zewgha George fl-1990;
b) Damet tghix maghha ghal dsatax–il sena sakemm giet rikoverata l-Isptar minhabba *Dementia;*
c) F'Novembru 2009 dahlet l-Isptar u baqghet hemm sakemm mietet f' Awissu 2015.

Dawn il-fatti huma mportanti ghax l-ammont illi kienet tipprecepixxi Giorgia Mizzi qabel dahlet l-Isptar kien ferm aktar minn dak illi mbaghad

kienet tispicca bih malli giet rikoverata.  Mir-rendikont annwali pprezentat minn Shaun Meli ghas-snin qabel ma dahlet l-Isptar u cioe' mill-1990 sa 2009[20] jirrizulta illi l-ammont komplessiv f'pensjoni, ghajnuna supplimentari, beneficcju ta' l-energija, bonus ghall-gholi tal-hajja, bonus u bonus addizzjonali kien jammonta ghal €86,294.75.

Mix-xhieda ta' Shaun Meli[21] jirrizulta ukoll illi meta omm il-kontendenti dahlet l-Isptar l-ammont mizmum mill-Istat bhala kontribuzzjoni ghar-residenza fl-Isptar kien ta' 91.01% u ghalhekk Giorgia kien jibqaghlha 8.99% f'idejha li jsarfu ghal €10.95  fil-gimgha.  Dan ifisser illi matul ir-residenza taghha fl-Isptar, f'idejha Giorgia kien ikollha €43.80 fix-xahar. Mill-2009 sal 2015 meta mietet dan igib total ta' **€3679.20.** Huwa pertinenti li jigi nnutat illi matul dan iz-zmien ta' rikoveru Maria Mercieca ghamlet rikors sabiex tissostitwixxi lil Dr. Kevin Mompalao illi kien il-kuratur mahtur mill-Qorti stante li Giorgia Mizzi kienet giet interdetta[22].  Jirrizulta wkoll illi l-persuna registrata fir-rekords ta' l-Isptar bhala l-*carer* ta' Giorgia Mizzi kienet Maria Mercieca wkoll.

Maria Mercieca xehdet illi kemm hi u kemm ohtha Pauline gia l-attrici kellhom prokura rilaxxata minghand ommhom biex isarrfulha c-cekk tal-pensjoni.  Ghall-mistoqsija jekk kenitx izzommhom hi l-flus tal-pensjoni l-konvenuta xehdet hekk:

"*Ix-xhud:*
*Mhux jien kont niehu hsiebha lil ommi.*

*Il-Qorti:*
*Izzommhom int, kont izzommhom int?*

*Ix-xhud*
*Iva, iva, ehe.*"[23]

---

[20] A fol 107 sa 116 tal-process
[21] A fol 101 tal-process
[22] Rikors intavolat minn Lawrence Mizzi
[23] A fol 124 tal-process

Il-konvenuta xehdet illi kienet tixtrilha l-pinnoli u kienet tonfoq €99 fil-gimgha pero' ebda prova konkreta ma giet prodotta. Affermat ukoll illi meta kienet tghix maghha ommha gia kienet qed tbati bid-*dementia*. Mill-flus tal-pensjoni kienet thallas l–ikel, id-dawl u l-pinnoli.[24]

Fattur ta' importanza huwa illi Giorgia Mizzi kienet tbati minn *dementia*[25]. Xhud iehor, Dr. Michael Refalo jghid illi mir-rekords ta' l-Isptar jirizulta illi fl-2007 kien hemm nota li Giorgia Mizzi kienet qed tbati minn *severe dementia*. Dan huwa fattur importanti billi jindika b'mod l-aktar car illi omm il-kontendenti ma kellhiex il-fakolta illi tiehu decizjonijiet. Il-Qorti ghalhekk tqis dan bhala sfond importanti meta wiehed jikkonsidra x-xhieda kollha ta' Maria Mercieca anke meta xehdet dwar id-deheb:

*Ix-xhud:*
*Iva, iva,. Tathuli, qaltli "hudu, qaltli "ghax int qed tiehu hsiebi"*

*Il-Qorti:*
*Meta kienet ghadha hajja?*

*Ix-xhud:*
*U hajja, ma kenitx qieghda sewwa bid-dimensja.*[26]

Ftit wara kompliet tixhed hekk :

*L-Avukat Dottor Angele Formosa:*
*Imma ma kenitx f'sensieha.*

*Il-Qorti:*
*Iva?*

*Ix-xhud:*
*Iva, iva*

*L-Avukat Dottor Angele Formosa:*

---
[24] A fol 137 tal-process
[25] Xhieda ta' Dr. Michael Refalo, A fol 142 tal-process.
[26] A fol 131 tal-process

*U ma kenitx f'sensieha, hux hekk, qed tghid int?*

*<u>Ix-xhud</u>:*
*Le kellha d-dimensja.*[27]

Fil-fehma tal-Qorti persuna illi tkun qed tbati minn *demensia* ma jkollhiex il-fakolta illi tiddeciedi u hija persuna vulnerabbli hafna. Il-konvenuta xehdet b'mod car illi ommha ma kinitx f'sensiha meta allegatament tatha d-deheb. Fil-fehma tal-Qorti tenut kont tal-kundizzjoni ta' Giorgia Mizzi, l-ghoti tad-deheb ma jistax jitqies bhala donazzjoni u lanqas bhala hlas kif donnha qed tippretendi din il-konvenuta. Dan isahhah il-konvinciment ta' din il-Qorti illi d-deheb ghandu jigi rkantat.

Oltre dan kollu jirrizulta wkoll illi l-konvenuta kienet izzomm il-pensjoni kollha hi ghax kienet tippretendi illi hija ghandha jedd ghaliha u li dan il-jedd kien gej mill-fatt illi hija kienet qed iddur b'ommha. Tghid illi ommha ma kinitx tohrog u li ommha kellha l-kartuna roza. Dan ifisser illi Giorgia Mizzi kienet intitolatha ghall-medicini b'xejn. Huwa fatt maghruf ukoll izda illi mhux il-medicini kollha huma offruti mill-Istat b'xejn. Infatti l-konvenuta Maria Mercieca pprezentat ricevuti ta' medicina "Exelon" mixtrija fl-2009 fl-ammont ta' €135. Jidher illi l-medicina kienet inxtrat tliet darbiet[28] fix-xhur ta' Awissu u Ottubru 2009, ezattament qabel giet rikoverata fl-Isptar. L-ammont minfuq kien ben kopert mill-pensjoni illi kienet qed tinghata lid-defunta. Ma ngabet ebda prova illi nxtrat xi medicina waqt illi Giorgia Mizzi kienet l-Isptar.

Fil-konfront ta' l-ammonti ta' flus li kienet tippercepixxi Giorgia, il-Qorti tqis illi x-xhieda ta' Shaun Meli u Maria Mercieca huma l-qofol ta' kollox. Shaun Meli jaghti rendikont car ta' l-ammont illi kienet tinghata Giorgia bhala pensjoni. Jghid car illi malli dahlet l-isptar ammont sostanzjali kien jinqata' mill-pensjoni u jmur a favur tal-Gvern billi hija kienet residenti fis-Sala Sant'Anna u ghalhekk il-Gvern kien jipprovdilha ghall-bzonnijiet kollha taghha. Il-bilanc illi kien jibqaghlha kien ta' €10.95 fil-gimgha. Qabel ir-rikoveru taghha l-flus kienet tehodhom permezz ta' cekk u kemm

[27] A fol 131 u 132 tal-process
[28] A fol 390 tal-process

l-attrici kif ukoll il-konvenuta Maria Mercieca kellhom prokura[29] sabiex isarrfu dan ic-cekk. Mid-dokumenti pprezentati minn Alvin Scicluna in rapprezentanza tal-Bank of Valletta jirrizulta illi d-defunta Giorgia Mizzi kellha kont "fixed term" li nfetah fl-1991. Huwa pprezenta l-istatements annwali sas-sena 2017. Giorgia mietet fl-2015 u s-somma l-Bank sa 2017 kienet ta €2584.28.

Da parti taghha l-konvenuta Maria Mercieca ma vantat ebda pretensjoni ghal servigi rezi lil ommha. Lanqas fl-eccezzjonijiet sollevati mill-konventa ma jirrizulta illi hija qajmet din il-kwestjoni ta' servigi. Huwa principju assodat illi l-materja tal-vertenza in ezami ghandha tigi rizolta skont dak indikat fil-kawzali ta' dawn il-proceduri, it-talba dedotta, u xejn izjed, kif fil-fatt huwa nsenjat fil-gurisprudenza nostrana.

Kif spiss jigri f'kazi simili fejn tinsorgi konflittwalita' fil-provi, mhux ghal kollox nieqsa minn certa pika, jinkombi fuq il-Qorti li tindaga bir-reqqa dwar il-veri ntenzjonijiet tal-partijiet fil-mument li l-pensjoni ssarfet mill-konvenuta u ghalhekk ghaddiet fil-poter taghha. Huwa ghalhekk illi l-Qorti a bazi tal-regola *arbitro boni viri* tqis illi filwaqt illi huwa minnu illi minn 1990 sal-2009 omm l-attrici kienet ghadha ma hix rikoverata madakollu hija kienet qed tigi kkurata mill-konvenuta Maria Mercieca. Din il-konvenuta kienet qed tipprovdi ghall-bzonnijiet kollha taghha, kemm gornaljeri kif ukoll medici. Il-Qorti tqis ukoll illi meta Giorgia Mizzi giet rikoverata l-Isptar hija wkoll kellha l-htigijiet kollha taghha ndirizzati mill-Istat. Biex jaghmel tajjeb ghas-servigi rezi lil Giorgia l-Istat beda jiehu 91.01% mill-pensjoni u jhallilha 8.99%. Min-naha l-ohra ghalkemm il-konvenuta Maria Mercieca lanqas ma accennat ghas-servigi rezi minnha fl-eccezzjonijiet taghha pero' dan ma jfissirx illi l-pensjoni illi kienet qed tiehu ommha ma ntuzatx. Giorgia Mizzi kellha l-htigijiet u bzonnijiet taghha bhal kull bniedem iehor. Huwa fatt logiku wkoll illi mhux l-ammont kollu ttiekel mid-defunta Giorgia Mizzi u dana ghax anke kif jirrizulta mix-xhieda prodotta din lanqas kienet tohrog u ma kinitx mara li tonfoq hafna. Minkejja dan ghexet sew u ebda prova ma ngabet illi kienet b'xi mod malnutrita jew abbandunata.

[29] A fol 66 u 67 tal-process

Barra minn hekk ma ngabet ebda prova illi wara l-mewt tal-missier sa ma meta giet interdetta Giorgia Mizzi, din ghamlet xi spiza kapitali u ghalhekk in-nefqa mill-pensjoni kienet wahda biex tghix ta' kuljum. Fid-dawl ta dan il-Qorti tqis illi mill-pensjoni ghandu jitnaqqas 60% biex ikopri l-ispejjez ta' ikel, dawl, ilma, medicini u htigijiet ohra necessarji ghall-hajja ta' kuljum sabiex Giorgia Mizzi ghexet sewwa mal-konvenuta. Dan ghalhekk ifisser illi l-40% l-ohra huwa l-ammont illi ghandu jinqasam bejn il-kontendenti bhala l-werrieta ta' ommhom. Qed jigi pprecizat illi s-60% ma humiex ghall-kura u servigi rezi da parti ta' Maria Mercieca stante li ebda talba da parti taghha ma tressqet. Jirrizulta in oltre illi l-ammont komplessiv ta' pensjoni mill-1990 sal 2009 jammonta ghal € 86, 294.75. L-ammont illi ghandu jinqasam bejn il-kontendenti ghandu jkun ta' 40% li jammonta ghal €34,517.90[30]. Dan l-ammont ghadu jittiehed in konsiderazzjoni ghall-kalkolu ta' l-assi ereditarji ta' Giorgia Mizzi. Kull parti ghandha ghalhekk tiehu €11,505.96. Billi b'ammissjoni tal-konvenuta stess, il-pensjoni kienet izzommha kollha hi u zzidha mal-flus tal-familja taghha, ghalhekk il-Qorti tqis illi l-istess konvenuta ghandha tivversa favur hutha, l-attrici Pauline Xerri u Lawrence Mizzi s-somma ta' €11,505.96 kull wiehed.

Minn dak illi rrizulta waqt il-gbir tal-provi meta Giorgia Mizzi kienet l-Isptar l-ammont ta pensjoni li kien jibqa' ghandha wara illi jitnaqqas l-ammont dovut lill-Istat kien ta' €10.95 fil-gimgha. Dan ifisser illi minn meta giet rikoverata sa ma mietet hija qattghet 298 gimghat l-Isptar. Il-bilanc f'idha ghalhekk kellu jkun ta' €3263.1. Dan l-ammont ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghall-kalkolu tal-assi ereditarji ta' Giorgia Mizzi.

Stante illi meta d-defunta Giorgia Mizzi kienet l-Isptar il-kuratrici taghha kienet il-konvenuta Maria Mercieca, fil-fehma tal-Qorti hija l-istess konvenuta illi ghandha taghti lill-partijiet l-ohra fil-kawza sehemhom mis-somma msemmija liema sehem huwa ta' €1,087.7 [31]

[30] 40% ta €86,294.75

[31] Is-somma ta' €3263.1 maqsuma bejn tlieta

Rigward il-flus li hemm fil-kont il-Bank of Valletta bin-numru 12405584038, jirrizulta illi dan kien kont intestat lil Giorgia Mizzi. Jirrizulta illi kull sena kien jingibed l-imghax izda ebda prova ma ngabet rigward min kien qed jeffetwa din it-tranzazzjoni kull sena. Sta di fatto illi kemm l-attrici kif ukoll il-konvenuta Maria Mercieca kellhom prokura. Fid-dawl ta' nuqqas ta' prova dwar dan il-Qorti tqis illi l-ammont li hemm fih sal-lum wkoll ghandu jinqasam ugwalment bejn it-tliet partijiet f'din il-kawza.

Fid-dawl tad-dikjarazzjoni illi saret mill-partijiet waqt is-seduta tat-13 ta' Novembru, 2019 fejn iddikjaraw illi qed jaqblu illi l-proprjeta' mmobbli tinqasam u tigi assenjata lill-partijiet skont kif dettat fir-rapport tal-Perit Emanuel Vella[32], il-Qorti qed taddotta dak il-ftehim u qed taghmlu taghha sa fejn jirrigwarda l-immobbli li jiffurmaw l-assi ta' George Mizzi.

Ghalhekk tenut kont ta' l-assjem tal-provi prodotti mill-partijiet u d-dokumenti esebiti jirrizulta li l-assi tal-ġenituri tal-kontendenti huma s-segwenti :

**Assi ereditarji tad-decujus George Mizzi:**

1. Nofs is-somma ta' €2319.40 depozitata fil-kont Bank Of Valletta 12410889016.
2. Mobbli jirrizulta illi kellu nofs l-ghamara li kienet stmata LM90 u ghalhekk sehmu kien Lm45.
3. Id-dar numru 5, Triq Ghajn Tuta, Kercem.
4. Id-dar numru 6, Triq Ghajn Tuta, Kercem.
5. 282 m.k. art fabbrikabbli fi Triq GhajnTuta, Kercem.
6. 935 m.k. art in parti fabbrikabbli ta' Marsalforn, limiti Zebbug.
7. 577m.k. art Taz-Zebbugija sive ta' l-Ghorfa, Zebbug.
8. 2777 m.k. art Ta. Xkora sive Ta' Brimba, Victoria.
9. 849 m.k. art Ta' Wied Ghasri limiti Zebbug.
10. 666.6 m.k. art tal-Klawsura ta' Kordina, Kercem.
11. 340 m.k. Tax-Xaghri l-Kbira, Kercem.

[32] A fol 11 u 12 tal-process.

12.55.5 m.k. art tax-Xaghri, Kercem.
13.441.m.k. art tax-Xaghri, Kercem.
14.191 m.k. art ta' Wied Hmar, Kercem.
15.1870 m.k. art Ta' Xkora, limiti Victoria.
16.561 m.k. art Tal-Lewza tax-Xaghri, Kercem.
17.230m.k. art ta' Wied l-Infern jew tal-Ehfar, Zebbug.
18.1311m.k. art tal-Ghadira, Kercem.

**Assi ereditarji tad-decuis Giorgia Mizzi.**

1. Is-somma ta` €2584.28 depozitat f'kont Term Deposit bin-numru 12405584038, Bank of Valletta.
2. Nofs is-somma ta' €2319.40 depozitata fil-kont Bank Of Valletta 12410889016
3. €3263.1 rapprezentanti il-bilanc tal-pensjoni ghas-snin 2009 sa 2015.
4. € 34,517.90 rapprezentanti il-bilanc tal-pensjoni ghas-snin 1990 sa 2009.
5. Nofs l-ghamara stamat Lm90 u ghalhekk sehema kien Lm45.
6. 2/3 indiviz minn porzjon art imsejha ta' Cordina, limiti ta' Kercem, u tal-kejl cirka 1370m.k, bil-valur ta' €5666.67[33].
7. Deheb.

Rigward il-proprjeta' ta' l-omm f'paragrafu 6 sopra ndikata din il-Qorti tiddikjara li ma tqisx li din il-proprjeta' hija kommodament divizibbli w'ghalhekk l-ahjar soluzzjoni hija li jigi ordnat il-bejgh in licitazzjoni tal-proprjeta' bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji sabiex l-eredi jiehdu l-massimu tal-valur tal-istess proprjeta'.

**Decide.**

[33] Skond il-valur moghti fil-causa mortis a fol 10 tal-process.

Ghaldaqstant din il-Qorti in vista ta' dak kollu suespost, tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna billi:

1. **Tilqa' l-ewwel talba** attrici u tillikwida l-kommunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejn George u Giorgia konjugi Mizzi, billi tiddikjara li kienet tikkonsisti f'kont il-Bank of Valletta bin-numru 12410889016 fl-ammont ta' elfejn tliet mija u dsatax–il ewro u erbghin centezmu (€2319.40);

2. **Tilqa' t-tieni talba** u taqsam il-komunjoni tal-akkwisti f'zewg porzjonijiet ugwali b'dana li nofs is-somma ta' elfejn tliet mija u dsatax–il ewro u erbghin centezmu (€2319.40) qed jigu assenjati lill-assi ta' George Mizzi filwaqt li nofs l-iehor qed jigu assenjati lill-assi ta' Giorgia Mizzi;

3. **Tilqa' t-tielet talba** attrici u tillikwida l-assi ta' George Mizzi billi tiddikjara li l-assi partikolari ta' George Mizzi jikkonsistu fis-segwenti:

i) Elf mitejn u disgha u hamsin ewro u sebghin centezmu (€1259.70) li hu nofs l-ammont illi jinsab depozitat fil-kont tal-Bank of Valletta bin-numru 12410889016.
ii) Nofs l-ghamara fil-valur ta' mija u tliet ewro u hamsin centezmu (€103.50) ekwivalenti ghall-hamsa u erbghin Liri Maltin (Lm45).
iii) Id-dar numru 5, Triq Ghajn Tuta, Kercem.
iv) Id-dar numru 6, Triq Ghajn Tuta, Kercem.
v) 282 m.k. art fabbrikabbli fi Triq GhajnTuta, Kercem.
vi) 935 m.k. art in parti fabbrikabbli ta' Marsalforn, limiti Zebbug.
vii) 577m.k. art Taz-Zebbugija sive ta' l-Ghorfa, Zebbug.
viii) 2777 m.k. art Ta. Xkora sive ta' Brimba, Victora.
ix) 849 m.k. art Ta' Wied Ghasri limiti Zebbug.
x) 666.6 m.k. art tal-Klawsura ta' Kordina, Kercem.
xi) 340 m.k. Tax-Xaghri l-Kbira, Kercem.
xii) 55.5 m.k. art tax-Xaghri, Kercem.
xiii) 441.m.k. art tax-Xaghri, Kercem.
xiv) 191 m.k. art ta' Wied Hmar, Kercem. orai
xv) 1870 m.k. art Ta' Xkora, limiti Victoria.
xvi) 561 m.k. art Tal-Lewza tax-Xaghri, Kercem.

xvii) 230m.k. art ta' Wied l-Infern jew tal-Ehfar, Zebbug.
xviii) 1311m.k. art tal-Ghadira, Kercem.

4. **Tilqa' r-raba** talba u tiddikjara illi :
   i) l-immobbli ghandhom jinqasmu skont il-pjan ta' qasma illi sar mill-Perit Emanuel Vella, liema pjan gie addottat minn din il-Qorti;
   ii) Rigward l-ammont ta' elf mitejn u disgha u hamsin ewro u sebghin centezmu (€1259.70) li hemm fil-kont ta' Bank of Valletta bin-numru 12410889016 ghandu jinqasam ugwalment bejn it-tliet partijiet fil-kawza, b'dan illi kull parti ghandha tiehu erbgha mija u dsatax–il ewro u tmenin centezmu (€419.80);
   iii) Rigward l-ghamara l-Qorti tordna illi din ghandha tigi rkantata u l-prezz rikavat jinqasam ugwalment bejn it-tliet partijiet fil-kawza.

5. **Il-hames talba** qed tigi michuda stante illi il-Qorti addottat il-pjan ta' qasma redatt mill-Perit Emanuel Vella.

6. **Tilqa' s-sitt talba** attrici u tillikwida l-assi partikolari ta' Giorgia Mizzi billi tiddikjara li l-assi partikolari ta' Giorgia Mizzi jikkonsistu fis-segwenti:
   i. Is-somma ta' elfejn hames mija erbgha u tmenin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€2584.28) depozitat f'kont Term Deposit bin-numru 12405584038, Bank of Valletta.
   ii. Nofs is-somma ta' elfejn tliet mija u dsatax–il ewro u erbghin centezmu (€2319.40) u depozitata fil-kont Bank of Valletta 12410889016.
   iii. Tlett elef mitejn u tlieta u sittin ewro u ghaxar centezmi (€3263.10) rapprezentanti l-bilanc tal-pensjoni ghas-snin 2009 sa 2015.
   iv. Erbgha u tletin elf, disa' mija u sitta u tletin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€ 34,936.45) rapprezentanti l-bilanc tal-pensjoni ghas-snin 1990 sa 2009.

v. Nofs l-ghamara stamata mitejn u seba' ewro (€207) ekwivalenti ghal disghin Liri Maltin (Lm90) u ghalhekk sehmha kien ta' mija u tliet ewro u hamsin centezmu (€103.50) ekwivalenti ghal hamsa u erbghin Liri Maltin (Lm45).

vi. 2/3 indiviz minn porzjon art imsejha ta' Cordina, limiti ta' Kercem, u tal-kejl cirka 1370m.k, bil-valur ta' hamest elef sitt mija sitta u sittin ewro u sebgha u sittin centezmu (€5666.67).

vii. Id-deheb.

7. **Tilqa' s-seba' talba** limitatament ghall-assi mobbli u fil-waqt illi tichadha fil-konfront tal-immobbli stante illi mhux kommodament divizibbli, tiddikjara illi :

i) Is-somma ta' elfejn hames mija u erbgha u tmenin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€2584.28) depozitat f'kont Term Deposit bin-numru 12405584038, Bank of Valletta ghandha tinqasam ugwalment bejn it-tliet partijiet fil-kawza b'dan illi kull parti tiehu sehmha fl-ammont ta' tmien mija wiehed u sittin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€861.42);

viii. Nofs is-somma ta' elfejn tliet mija u dsatax–il ewro u erbghin centezmu (€2319.40) depozitata fil-kont Bank Of Valletta 12410889016 u cioe' is-somma ta' elf mitejn u disgha u hamsin ewro u sebghin centezmu (€1259.70) ghandha tinqasam ugwalment bejn it-tliet pertijiet fil-kawza b'dan illi kull parti tiehu sehemha fl-ammont ta' erba' mija u dsatax–il ewro u tmenin centezmu (€419.80);

ii) Tlett elef mitejn u tlieta u sittin ewro u ghaxar centezmi (€3263.10) rakkolti mill-konvenuta Maria Mercieca liema konvenuta qed tigi ordnata thallas lill-attrici Pauline Xerri u lill-konvenut Lawrence Mizzi sehemhom mill-istess somma u cioe' s-somma ta' elf u seba' u tmenin ewro u sebghin centezmu (€1087.70) kull wiehed.

iii) Is-somma ta' erbgha u tletin elf hames mija u sbatax–il ewro u disghin centezmu (€34,517.90) mizmuma mill-konvenuta Maria Mercieca, liema konvenuta qed tigi ordnata thallas lill-attrici Pauline Xerri u lill-konvenut Lawrence Mizzi sehemhom mill-istess somma u cioe' hdax–il elf sitt mija hamsa u erbghin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€11,645.48) kull wiehed;

iv) Rigward l-ghamara l-Qorti tordna illi dina ghandha tigi rkantata u l-prezz rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet fil-kawza;

v) Rigward id-deheb il-Qorti tordna l-irkant tieghu u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet f'din il-kawza.

8. **Tilqa' t-tmien talba** attrici u tordna l-bejgh bil-licitazzjoni ta' 2/3 indiviz minn porzjon art imsejha ta' Cordina, limiti ta' Kercem, tal-kejl cirka 1370m.k, bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei sabiex ir-rikavat jigi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwoti ugwali.

9. **Tilqa' d-disa' talba** u tahtar lin-Nutar Enzo Dimech sabiex jippubblika l-att ta' divizjoni u assenjazzjoni ta' ismha rispettivi skont il-pjan ta' qasma tal-Perit Emanuel Vella, nhar il-ghoxrin (20) ta' Mejju, 2020, fit-tlieta ta' wara nofs inhar (15:00) fl-ufficcju ta' l-istess Nutar Triq San Guzepp Labre', ir-Rabat, Ghawdex filwaqt li tahtar lil Dr. Justyne Scerri Herrera bhala kuratur nominandi sabiex tirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Kull parti fil-kawza thallas terz (1/3) ta' l-ispejjez.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
Deputat Registratur

Vera kopja

D/Registratur